MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 1401/1998/1

**Hugh P. Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata Valerie Fenech sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Valerie Fenech**

**vs**

**Ludvic Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur nomine fit-13 ta' Lulju, 1998 fejn talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma lill-attur nomine s-somma ta' hames mija u sitta u sebghin lira Maltin u hdax-il centezmu (Lm576.11) li jinkludu hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) 'excess' imhallsin mill-assikurata, rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku tat-18 ta'

Gunju, 1997 gewwa San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura numru IAT 497 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru VAL 232 misjuqa mill-assikurata ta' l-attur nomine, liema ncident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 1997 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh u bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba kif dedotta kontrih hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont ta' danni reklamat mill-attur hu ferm esagerat.

Effettivament l-eccipjenti kien l-oggezzjonijiet tieghu lis-socjeta' attrici Galdes & Mamo Limited permezz ta' ittra datata 16 ta' Jannar, 1998 (Dok. 'X') izda minkejja dawk l-oggezzjonijiet, li qatt ma gew spjegati jew gustifikati mill-atturi jew min minnhom, l-istess atturi ghazlu li jipprocedu bil-kawza odjerna.

F'kull kaz ukoll l-eccipjenti m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Ottubru, 1998 fejn innominat lil Joseph Zammit bhala tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur nomine wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat ir-rapport tat-tekniku fuq imsemmi pprezentat fl-10 ta' Lulju, 2004 u mahluf fil-25 ta' Ottubru, 2004;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bil-verbal tat-12 ta’ Ottubru, 1998 il-konvenut spjega l-eccezzjoni tieghu fejn filwaqt illi ddikjara li qieghed jammetti r-responsabbilta, qed jikkontesta d-danni u kien ghalhekk li l-perit tekniku llimita ruhu ghad-danni kif reklamati mill-attur nomine.

Il-kontestazzjoni tad-danni hija limitata ghall-bumpers kif ukoll ghall-hlas tal-VAT peress illi l-ircevuta li kopja taghha hemm esebita a fol. 27 tal-process tidher illi hija manomessa u d-data mibdula minn Lulju ghal Gunju, 1997.

Ghal dak illi jirrigwarda d-danni, fil-paragrafu tmienja (8) tal-parti konklussiva tar-relazzjoni tieghu, il-perit kien tal-fhema illi l-partijiet ta’ fuq tal-bumper ma garrbu l-ebda qsim fuqhom imma biss taghtin u brix.u ghalhekk setghu facilment jigu sprejjati biss. Kompla qal pero’, li bdil tal-partijiet l-ohra kien gustifikat.

F’paragrafu ghaxra (10) rrakkomanda t-tnaqqis ta’ mija u wiehed liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm101.96).

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-parti teknika ta’ din il-kawza, l-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba r-relazzjoni tat-tekniku minnha nominat. Kif ghallmet il-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Benjamin Camilleri noe. vs Charles Debattista noe. deciza fid-9 ta’ Frar, 2001 fejn qalet, “L-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn perit tekniku, bhal kull prova ohra setghet tigi skartata mill-Qorti. Dan pero’ mhux leggerment jew kapriccjosament, imma biss fejn tirrizulta raguni valida mill-atti. Bhala regola hu stabbilit anki minn gursprudenza illi l-Qorti ma kellhiex tiskarta u twarrab opinjoni ta’ perit tekniku minnha nominat ghaliex dik, kif inghad, tikkonsistiwixxi element ta’

prova mportanti jekk mhux determinanti li kellu jifforma l-gudizzju tal-gudikant."

Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-konkluzjonijiet peritali huma determinanti ghall-formazzjoni tal-gudizzju tal-Qorti. Dawn il-konkluzjonijiet huma cari u inekwivoci u mhux kontradetti minn provi ohra u ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' r-rakkomandazzjonijiet tat-tekniku u tiddikjara illi partijiet mill-bumpers gew mibdula ghalxejn u zgur mill-ammont reklamat mill-atturi ghandu jitnaqqas dak l-ammont ta' mija u wiehed liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm101.96) kif suggerit mill-istess tekniku.

Ghal dak illi jirrigwarda l-ilemnt dwar il-VAT, il-Qorti wara li rat id-dokument D a fol. 27, tasal ghall-istess konkluzjoni bhall-konvenut, u cioe' li d-datat ndikata fuq dik l-ircevuta hija manomessa, biex tigi tinqara Gunju, 1997 fejn ghallura kien ghad hemm l-imposizzjoni ta' hmistax fil-mija (15%) bhala VAT minflok Lulju, 1997 meta l-VAT tnehha. Skond il-kont anness ma' dik l-ircevuta, l-ammont ta' VAT ilehhaq it-tlieta u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm33.75) u l-Qorti jidhrilha illi anki din ic-cifra ghandha titnaqqas, biex abbinata mas-somma ta' mija u wiehed liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm101.96) igib bilanc favur l-attur nomine fis-somma ta' erba' mija u erbghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm440.40).

Il-Qorti rat ukoll illi qabel ma gietipprezentata l-kawza, l-konvenut tramite l-avukat tieghu kien kiteb lill-attur nomine fis-16 ta' Jannar, 1998 fejn kien ilmenta dwar il-bdil tal-bumper u l-imposizzjoni ta' hmistax fil-mija (15%) VAT meta dina ma kinitx gustifikata. L-ittra baqghet mhux imwiegba u minflok l-attur nomine qabghad u istitwixxa din il-kawza. Ghalhekk, il-Qorti jidrilha illi l-attur nomine ghaggel wisq meta stitwixxa din il-kawza qabel ma' l-ewwel ittratta l-kaz kif spjegat fl-ittra tas-16 ta' Jannar, 1998, liema lmenti wara kollox irrizultaw li huma gustifikati.

Ghalhekk, il-Qorti ma jidrilhiex li l-konvenut ghandu jbati spejjez f'din il-kawza.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa’ t-talba ta’ l-attur nomine, fis-sens li tikkundanna lill-konvenut illi jhallas is-somma ta’ erba’ mija u erbghin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm440.40) rapprezentanti danni kagunati minnu f’incident awtomobilistiku li sehh fit 18 ta’ Gunju, 1997 gewwa San Pawl il-Bahar, bejn il-vettura numru IAT 497 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru VAL 232 misjuqa mill-assikurata ta’ l-attur nomine, Valerie Fenech.

Ghar-ragunijiet fuq indikati, l-Qorti jidhrilha li l-ispejjez kollha ghandhom jigu subiti mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------